A.L. 256 ta' l- 2004

ATT DWAR IS-SERVIZZI TA' INVESTIMENT (KAP. 370)

Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Drittijiet tal-Passaport Ewropew għal Impriżi ta' Investiment

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar is-Servizzi ta' Investiment, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, fuq il-parir ta' l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, għamel ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu u dħul fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Drittijiet tal-Passaport Ewropew għal Impriżi ta' l-Investiment, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2004 dwar Drittijiet tal-Passaport Ewropew għal Impriżi ta' l-Investiment, hawnhekk aktar 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

(2) Dawn ir-regolamenti għandom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Mejju, 2004.

Jemenda Skeda 1 li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Fil-paragrafu 3 ta' Sezzjoni A ta' Skeda 1 li tinsab mar-regolamenti prinċipali, minflok il-kelma "diskriminatorja" għandha tidħol il-kelma "diskrezzjonali".